**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Wayne Buhagiar)**
**(Spettur Ian Vella)**

**-vs-**

**Tracy Camilleri detentrici tal-Karta ta' l-Identita bin-numru 119297M**

*Kumpilazzjoni Nru. 608/2025*

Illum, **30 ta' Lulju, 2025**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputata **Tracey Camilleri** u ċioè talli:

> Fix-xahar ta' Novembru 2024, gewwa Il-Marsa, Malta u/jew f'dawn il-Gzejjer, b'ikel, b'xorb, b'medicini jew bi vjolenza, jew b'kull mezz iehor ikkagunat abort fuqha nnifisha

Rat li waqt l-udjenza miżmuma llum, l-imputata ammettiet l-imputazzjoni miġjuba kontra tagħha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) tal-Kodiċi Kriminali w ċioè wara li l-imputata wieġbet li hi ħatja għall-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tagħha, il-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba w hi ngħatat żmien xieraq sabiex jekk riedet terġa lura minnha u dan anke billi ikkonsultat mal-legali tagħha hekk kif il-kawża ġiet posposta għal dan l-iskop.

Meta ġiet rikjamata l-kawża l-imputata tenniet l-ammissjoni tagħha.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tagħha. Għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tagħha, il-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputata ħatja tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tagħha kif minnha ammessa.

**Il-Piena**

Ġie kunsidrat li r-reat kontemplat bl-artikolu 241 tal-Kodiċi Kriminali jġorr piena ta' bejn it-tmintax (18) il-xahar u tlett snin priġunerija:

> 241. (1) Kull min b'ikel, b'xorb, b'mediċini, jew bi vjolenza, jew b'kull mezz ieħor, jikkaġuna l-abort ta' mara tqila, sew bil-kunsens kemm ukoll mingħajr il-kunsens tagħha, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tmintax-il xahar sa tliet snin.
>
> (2) L-istess piena tingħata kontra l-mara li tikkaġuna l-abort fuqha nfisha, jew li tkun qagħdet għall-użu tal-mezzi li bihom l-abort ġie ikkaġunat.

Dwar il-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni ferm bikrija tal-imputata, tal-fatt li wriet kooperazzjoni mal-awtoritajiet investigattivi sa mill-bidu nett, tal-fedina penali netta tagħha w taċ-ċirkostanzi l-oħra tal-każ kif spjegati mill-abbli difensur tagħha.

Fiċ-ċirkostanzi ta' dak li ġie spjegat lil Qorti, għalkemm baqa' mhux korroborat sal-grad mistenni mid-difiza, il-Qorti tqis li mhux il-każ li tiġi erogata piena karċerarja.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikolu 241(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputata ħatja tal-imputazzjoni li tagħha qed tinstab ħtija u tikkundanna għall-tnejn u għoxrin (22) xahar priġunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali qed jiġu sospiżi għall-sentejn (2) millum.

Ai termini tal-artikolu 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti spjegat lill-ħatja bi kliem ċar ir-responsabiltà tagħha taħt l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali jekk tikkommetti, matul il-perijodu operattiv, reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

Finalment ai termini tal-artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' dawn l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**